# IL-MADONNA TA’ TINDARI

Il-Kult lejn il Madonna ta’ Tindari jmur lura  ghal zminijiet antiki hafna u jinghad, ghalkemm, ma hemm ebda informazzjoni storika




definita sew, li l-origini tad-devozzjoni marjana jmur lura ghall-periodu tal- persekuzzjoni ikonoklasta. Dejjem skont it-tradizzjoni, vapur li kien qed jirritorna mill-Lvant, fost il-merkanzija li kellu fuqu, kien qed igorr immagini tal-Madonna mohbija fl-istiva biex isalvaha mill-qilla tal-

ikonoklasti li kienu qed jeqirdu l-istatwi kollha fil-knisja kattolika. Waqt il-vjagg tieghu l-vapur habbat wiccu ma’ maltempata u kellu jankra gewwa Tindari.

Minkejja li l-bahrin ghollew l-ankra u fethu l-qlugh, wara li ghaddiet it-tempesta , il-vapur ma setghax jiccaqlaq. Hasbu li kien mghobbi zzejjed u ghalhekk bdew ihaffuh billi hattew xi cestini fosthom wiehed li kien fih ix-xbiha tal-Madonna. Kien hawn biss li l-vapur seta’ jiccaqlaq u jsalpa mill-port.




L-origini u d-destinazzjoni ta’ l-immagini ma kienux maghrufa. Meta telaq il-vapur infethet il-merkanzija u bi staghgib kbir meta fethu c-cestun il-kbir sabu din ix-xbiha marjana. Gie deciz li titqieghed fuq l-oghla u l-isbah post f’Tindari fejn kien hemm kommunita’ nisranija ezistenti.

L-gholja ta’ Tindari saret il-post sagru u mistiku ta’ Marija.

L-awtur ta’ din ix-xbiha mhux maghruf u anqas ma huwa possibbli li wiehed isir jaf meta giet skolpita. Pero’ xi hjiel wiehed jista’ jikkonkludi



Ghalkemm, xejn ma hemm bic-cert. Meta wiehed iqis l-istil taghha u meta jara li l-Madonna qed izzomm il-Bambin Divin f'idha, wiehed jista' jikkonkludi li x-xbiha tmur lejn l-era tal-Koncilju ta' Efesu li fih giet definta l-maternita' ta' Marija Ssma. Ghalhekk huwa probabbilment li kienet minquxa fil-Lvant bejn il-hames u s-sitt seklu.

Il-Madonna hija rapprezentata bil-qieghda waqt li qed izzomm lill-Iben Divin taghha f'hogorha. Gesu' huwa b'idu merfugha biex ifisser li qed ibierek lil kull min jersaq lejh. Fuq rasha l-Madonna ghandha kuruna tip orjentali, tip ta' turban, mahdum mill-istess injam.

MAL-MADONNA TA’ TINDARI HEMM MARBUTA DIN IL-LEGENDA HELWA HAFNA.



Wahda omm, kellha bintha marida gravament, u daret lejn il-Madonna ta’ Tindari, titlobha ghall-fejqan ta’ bintha; maghha ghamlet ukoll weghda li tmur tinvistha hekk kif bintha tfieq.



Darba qalghet il-grazjja tal-fejqan ta’ bintha l-omm marret trodd il-hajr lill-Madonna kif kien xieraq. U telqet  biex taqdi d-dover taghha. Imma meta waslet quddiem il-Madonna esklamat: Gejt minn dan il-boghod kollu biex nara wahda aktar kerha minni.

Hi harget ‘ l barra, it-tifla sgiccatilha minn idha u waqghet mit-tarf ta’ l-gholja u baqghet niezla ghal isfel.





L-omm tablet lil Madonna: “Jekk inti l-Vergni mirakoluza li ftit zmien ilu salvajt lil binti, salvaha ghat-tieni darba.”

B’miraklu it-tifla li waqghet mill-gholja sabet ruhha tilghab fuq bajja li f’daqqa wahda iffurmat fil-bahar ta’ taht.





Bahri li ra kollox, gera’ biex isalva lit-tifla u irritornaha lil ommha qawwija u shiha.



Kommossa ghal ahhar l-omm esklamat: “Tassew inti l-Vergni tal-Mirakli. Inti verament kbira.”

# KIF TKUN CELEBRATA L-FESTA TAL-MADONNA TA' TINDARI.

Novena tipprecedi c-celebrazzjonijiet f'gieh il-Madonna ta' Tindari. Il-qofol tal-festa jintlahaq fil-purcissjoni solenni filghaxija tas- 7 ta' Settembru u fil-Pontifikal tat- 8 ta' Settembru li waqtu ssir l-offerta tal-lampa votiva.

Hafna huma dawk li jaghmlu pellegrinaggi minn postijiet imbieghda biex jingabru madwar il-Madonna u jitolbu l-barka taghha, u jizzukhajr lilha ghall l-imhabba materna taghha lejhom u lejn il-famijari taghhom.

## ID-DEVOZZJONI LEJN IL-MADONNA TA' TINDARI

Mis-sena 1973 Mons Giuseppe Pullano introduca l-prattika qaddisa tas-Seba' Tlieta bhala thejjija ghall-festa tal-Madonna li tigi ccelebrata fis-7 u 8 ta' Settembru ta' kull sena. Din il-prattika qaddisa Mons Giuseppe hadha minn tradizzjoni li issir fil-Kalabrija, art twelidu. Huwa ghazel il-jum tat-Tlieta flok is-Sibt li huwa l-jum marbut b'dedikazzjoni lejn il-Vergni Mbierka, ghaliex skont huwa l-jum tat-Tlieta huwa jqisu bhala gurnata marjana bhas-Sibt: kien il-jum tat-Tlieta li fih giet dikjarata id-domma tal-maternita' ta' Marija gewwa Efesu, il-jum tat-Tlieta wara l-Pentekoste tigi ccelebrata l-Festa tal-Madonna Ta' Kostantinopli.

Din id-devozzjoni ssir biex tonora lill-Madonna u tikber id-devozzjoni lejn il-Vergni ta' Kulur Skur ta' Tindari, Ii hija minn naha taghha x-xerred il-barka taghha fuq uliedha kollha.